MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 22/1999/1

**Mariella mart il-Perit Paul Mercieca u l-Perit Paul Mercieca**

**vs**

**Pawlu u Giovanna konjugi Rapinett**

Il-Qorti

Rat is-sentenza tal-20 ta' Gunju 2001 tal-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn intqal kif gej :-

"Il-Bord,

Ra r-rikors fejn intqal li;

R-rikorrenti jikru lill-intimati l-hanut maghruf bhala "Engros" li jinsab f' Pjazza Carlo Diacono, iz-Zejtun, bil-

kera ta’ tmenin lira (Lm80) fis-sena li tithallas kull sitt xhur bil-quddiem bl-iskadenza li jmiss fl-1 ta’ Gunju 1999.

L-intimati ssullokaw, cedew, assenjaw il-kirja ta’ l-imsemmi hanut lil terzi persuni jew taw l-uzu tal-istess hanut lill-terzi persuni, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi u kif ukoll jordna l-izgumbrament tal-intimati mill-istess fond, taht il-pattijiet u kondizzjonijiet li dan il-Bord jidhirlu opportuni.

Ra r-risposta;

Illi l-esponent bl-ebda mod ma ssullokaw, cedew jew assenjaw lil terzi persuni, jew qatt kellhom il-hsieb li jissullokaw, icedu jew jassenjaw lil terzi persuni, il-kirja tal-hanut maghruf bhala “Engros” li jinsab f’ Misrah Karlu Diacono, iz-Zejtun, u l-anqas ma taw l-uzu ta’ l-istess hanut lil terzi persuni;

Illi l-kera dejjem thallset mill-esponenti kif kien miftiehem, anzi gieli b’ sena bil-quddiem minflok b’ sitt xhur;

Illi l-esponenti dejjem ftiehmu mar-rikorrenti anke fuq zidiet fil-kera – u qatt ma kien muri lilhom b’ xi mod li huma kienu qed jonqsu mid-doveri taghhom ta’ kerrejja, u ghaldaqstant jinsabu sorprizi bl-agir odjern tar-rikorrenti;

Illi l-esponenti jiddependu ghall-ghajxien taghhom min-negozju mmexxi mill-istess hanut “Engros”, u jekk jigu zgumbrati huma jsofru dannu finanzjarju irreparabbli;

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti Mercieca et u jordna illi l-esponenti izommu t-titlu tal-kera tal-hanut “Engros” anke, izda bla pregudizzju, jekk il-Bord ihoss il-htiega, taht

pattijiet u kundizzjonijiet godda li l-Bord jista’ jidhirlu li jkunu xierqa.

Sema’ x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati li ttiehdet shiha;

Ra l-verbal tas-27 ta’ Marzu 2001;

Ikkunsidra,

1. Din il-kitba hi regolata minn bitha privata li saret fl-14 ta’ Gunju 1995 bejn Thomas De Bono missier ir-rikorrenti Mariella Mercieca u l-intimat Pawlu Rapinett fejn ‘inter alia’ gie stipulat

“5. Il-kerrej ma jkunx jista’ jissubloka jew icedi il-kirja tal-hanut jew parti minn tal-hanut, lil haddiehor minghajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tas-sid.” (fol 7)

2. Il-fond in kwistjoni huwa ‘hanut’ post minn fejn issir bejgh u jgieb l-isem ta’ “Engros”.

3. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li

a. fit-13 ta’ Marzu 1995 giet registrata s-Socjeta’ ‘Engros Limited’ bhala ‘private exempt company’ (c 17993), bl-ufficcju taghha fil-fond in kwistjoni:

“Engros, Carlo Diacono Square
Zejtun ZTN 03”

Mill-‘Annual Report and Accounts’ ta’ l-istess sena taht ir-ras ‘Operational and Administrative Overheads’ jirrizulta li thallset kera ta’ Lm80

b. Mid-dokument ghas-sena ta’ wara l-kera msemmi hu ta’ Lm260 (1996). L-istess ghas-sena 1997.

c. Fis-sena 1998 il-kera hu ta' Lm180

d. Fis-sena 1999 that 'Administrative and Selling Expenses' hemm il-kelma 'rent' imma ma thallsitx kera

e. L-Accounts ghal 1999 gew prezentati mill-awditur tas-socjeta', dawk tas-snin l-ohra mir-rikorrenti

4. Mill-"Memorandum and Articles of Association" prezentati ghas-sena 1999 il-kumpanija Engros Ltd biddlet l-ufficju registrat minn dak tal-fond in kwistjoni ghal

"36, Grigorio Bonnici Square,
Zejtun ZTN 02"

(dok PM2 a fol 27)

5. L-ishma fil-bidu kienu

Giovanna Rapinett 499
Catherine Cutajar 1 (bint l-intimata)

U hekk baqghu

6. Mill-gazzetta tal-Gvern Nru 16, 789 tal-10 ta' Mejju 1999 jirrizulta li l-ufficju tas-Socjeta' inbidel. (ara d-dokumenti a fol 8) prezentati mir-rikorrenti (ara wkoll Memorandum and Articles of Association). L-indirizz ta' l-ufficcju ta' Engros Ltd. gie mibdul f' laqgha tal-Bord tad-Diretturi tat-22 ta' Frar 1999 (fol 37). Ir-rikors gie

prezentat fil-15 ta’Frar 1999 u l-intimati gew notifikati bih fl-20 ta’ Frar 1999 u wiegbu ghalih fis-26 ta’ Frar.

7. Ghalhekk mid-dokumenti kif ukoll mix-xhieda bil-fomm johrog li l-indirizz ta’ l-ufficju registrat ta’ Engros Ltd. imbidel wara li l-intimati gew notifikati bir-rikors.

8. Il-Bord ma jistax jistrieh fuq ix-xhieda ta’ l-intimata li meta giet mistoqsija mill-avukat tar-rikorrenti dwar il-bdil ta’ indirizz tghid li ma tifhimx u trid tistaqsi lill-awditur (fol 72). Hija imbaghad sfaccata x-xhieda ta’ l-intimata (fol 73 – 74) li mistoqsiha:

“………..din il-kumpanija Engros Limited minn fejn bdiet topera?”

Twegiba:

“Minn 36, Gregorio Bonnici Square, (Zejtun)”

Mistoqsija:

“Ghandek hanut iehor hemm jigifieri?”

Twegiba:

“Le, ma dawwarnihx fuq il-hanut, fuq id-dar tfajniha l’ x’ jisimgha”

Id-dokument a fol 24 –37 hu document ufficjali

9. Il-Bord, bir-rispett kollu, lanqas jifhem l-abili difensur ta’ l-intimati meta fit-trattazzjoni jghid:

“…….kif tista’ tapprezza l-Qorti specjalment fil-kaz odjern il-klienti jiddependu hafna fuq x’ kif ta’ pariri jinghatalhom kemm mill-punt di vista legali u kemm mill-punt di vista kummercjali u fejn jidhlu l-kotba tal-kumpanija. U allura jekk forsi mhuwiex f’ pozizzjoni jiehu decizjonijiet illi japprezza x’ jistghu jkunu, remotament anke l-implikazzjonijet taghhom, wiehed joqghod fuq il-pariri illi jinghatawlu.” (fol 107)

wara li kien issottometta li d-dokumenti huma ufficjali u la s-sid baqa' jaccetta kien akkonsentixxa ghal kollox. Il-Bord, jistqasi, ghal x' hiex akkonsentixxa s-sid, meta l-intimati qed jghidu li ma hemm l-ebda 'nuqqas' minn naha taghhom. (fol 106)

10. Umbaghad ix-xhieda ta' l-awdituri (fol 105 –106)

<u>Mistoqsija:</u>

Nghid sewwa illi ovvjament il-klienti specjalment fil-kaz odjern joqghodu ukoll fuq il-parir li jinghatalhom, x' tip ta' spejjez jistghu jitnaqqsu jew le?

<u>Twegiba:</u>

Jista' jkun, ma narax ghala le

<u>Mistoqsija:</u>

L-indirizz originali tas-socjeta' ghalfejn sar fi Pjazza Carlo Diacono, ghalfejn intghazel dan l-indirizz?

<u>Twegiba:</u>

Intghazel dak l-indirizz ghax jiena stess tajthom parir illi jekk jista' jkun registered address ma jintuzax id-dar personali, pero' jintuza indirizz minn fejn ikunu ghaddejjin l-attivitajiet kummercjali."

Nesa li qabel kien stqarr

"Jipprezentawli l-kotba, ghax jiena naghmel l-audit taghhom, jekk ma jikklejmjomx l-ebda kera skond ir-records tieghu, jiena m' ghandi ghalfejn niccertifikha l-ebda kera." (fol 103)

11. Il-kera li qed thallas is-socjeta’ hi ta’ Lm80 ghas-sena 1995 imma wara l-kera tizdied. Ir-rikorrent krew lil Pawlu Rapinett (li ma ghandu l-ebda sehem fis-socjeta’ u l-kirja saret lilu) bir-rata ta Lm80. Ghas-snin ta’ wara s-socjeta’ qed thallas kera ghola, zgur li mhux lis-sid imma lil intimati. F’ daqqa jitbiddel l-ufficju tal-kumpanija minn fuq il-hanut ghal fuq id-dar ta’ l-intimati fejn ma jigi gestit l-ebda negozju u s-socjeta’ ma thallas l-ebda kera. Ovvjament is-socjeta qed thallas kera lill-intimati. Is-socjeta’ ghandha l-personalita’ taghha. Meta l-intimata giet mistoqsija dwar bintha b’ refernza ghall-hlas ta’ pagi li jidher fl-‘accounts’ hi tghid li t-tifla hi impjegata maghha.

Mieghi, jien mhux l-Engros (fol 76)

12. L-intimata taf l-affarijiet taghha. Ghalkemm minn jallega cessjoni/ sullokazzjoni assenjazzjoni irid jippruvaha hu, l-Bord kien jistenna xi sura ta’ spjega, imqarr hjiel mill-intimata, mhabba d-dokumenti li xi uhud minnhom ipprezentathom hi. Ix-xhieda taghha hi tahwida shiha bil-hsieb li tghatti dak li gara. L-intimata taf li socjeta’ ghandha personalita’ taghha. L-intimata tghid -
li hi m’ ghadhiex thallas il-kontribuzzjoni tas-sigurta’ socjali u forsi minhabba l-eta’ (karta ta’ l-identita 631235) sar dak li ta lok ghal dawn il-proceduri, sullokazzjoni lill-bint l-intimati.

13. L-abili difensur ta’ l-intimati ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fir-rikors fl-ismijiet ‘Cassar vs Tabone’ fis-17 ta’ Gunju 1999. Il-fattispecie kienu ohra. F’ dak ir-rikors kienet saret skrittura li kienet tammonta ghall-ftehim ta’ assocjazzjoni.

Hawn tirrizulta sullokazzjoni lis-socjeta' “Engros Ltd.” li mhix l-intimati. Tithallas kera lill-intimati li imbaghad joffru l-kera (ammont iehor) lis-sid. F’ dan il-kaz m’ hemm ftehim ta’ xejn bejn l-intimati u s-socjeta’, li hbew dak li ghamlu mis-sid imbaghad jallegaw li s-sid kien jaf b’ kollox. Din l-ahhar sottomissjoni tikkozza ghal kollox ma’ dak li jinghad fir-risposta. Aktar hi relevanti ghall-kaz s-sentenza in re ‘Rustica Limited vs Neville Gatt’ (App. Mill-Bord, 27/10/00) ghalkemm il-Bord kif presedut li iddecieda dak ir-rikors jghid li l-punt legali kienu aktar cari milli f’ dan il-kaz. Qrib hafna ta’ dan il-kaz hu dak ta’ ‘Grech vs Farrugia’ (App. Mill-Bord) deciz fl-4 ta’ April 1997 (u sentenzi hemm imsemmija)

“Fil-kaz ta’ sullokazzjoni ma jkunx hemm inkwilin gdid imma subinkwilin li r-relazzjoni tieghu jkunu ma’ l-inkwilin u mhux mas-sid……Din hi r-relazzjoni li nholqot…. F’ kaz ta’ sullokazzjoni allura jrid ikun hemm is-sid, l-inkwilin originali li jibqa’ jkollu relazzjoni diretta mas-sid u sub-inkwilin li jkollu relazzjoni ma’ l-inkwilin……. Hu ghalhekk li l-ligi specjali tal-kera fil-Kap 69 tesigi fl-art. 9 (a) illi ‘l- Bord jaghti l-permess imsemmi fl-ahhar artiklu qabel dan (id-dritt lis-sid li jiehu lura l-pussess tal-fond) f’ dawk il-kazijiet (fejn l-inkwilin) ikun issulloka l-fond jew ittrasferixxa l-kiri minghjar il-kunsens espress ta’ sid il-kera.”

Billi l-intimati ssullokaw il-hanut maghruf bhala “Engros” li jinsab fi pjazza Carlo Diacono iz-Zejtun, l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond imsemmi; ghall-fini ta’ l-izgumbrament jiprefiggi t-terminu ta’ tlett (3) xhur m’ illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.”;

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimati fejn gie sottomess :-

Illi l-Bord li Jirregola l-Kera fid-decizjoni li biha ordna l-izgumbrament tal-konjugi Rapinett mill-hanut Engros fejn ipprefigga terminu ta’ tlett xhur filwaqt li awtorizza lill-appellati jirriprendu pussess tal-fond, wasal ghall-konkluzjoni li l-konjugi Rapinett effettivament issullokaw jew cedew il-kirja ta’ l-istess hanut lill-terzi wara analizi zbaljata u approsimattiva u assuntiva tal-fatti tal-kaz u

liema analizi zbaljata wasslet ghal ‘ratio’ difettuz u mpreciz;

Illi l-Bord li Jirregola l-Kera bbaza d-decizjoni tieghu fuq assunzjoni gratuita, meta jghid (paragrafu 13) li s-Socjeta` Engros Limited kienet “thallas kera lill-intimati li mbaghad jafu l-kera (ammont iehor) lis-sid”, u (paragrafu 11) “Ghas-snin ta’ wara s-socjeta` qed thallas kera ghola, zgur li mhux lis-sid imma lill-intimati” Minn fejn jirrizulta li s–socjeta` kienet qed thallas ammont akbar minn Lm80 lill-intimati mbaghad l-intimati kienu qed jghaddu biss Lm80.00 lis-sid? Kienet kif inghad assunzjoni gratuita tal-Bord li meta ra l-figuri (kif il-Bord stess jghid f’paragrafu 3), “mill-annual report and Accounts ta’ l-istess sena taht ir-ras “Operational and Administrative Overheads” jirrizulta li thallset kera ta’ Lm80 … … fis-sena 1998 il-kera hu ta’ Lm180”. B’hekk jidher car li l-Bord erroneament assuma li l-kera kollha msemmija ghal kull sena kienet tirrigwarda biss il-hanut Engros. Minn imkien ma johrog li hu hekk. Is-socjeta’ Engros bhala fatt tikri aktar propjetajiet imbaghad jitnizzel total wiehed. Id-differenza bejn l-ammont ta’ Lm80.00 li hu l-ammont ta’ kera dovut mill-konjugi Rapinett lis-sid, u l-ammonti aktar kbar imsemmija, dan il-Bord rah bhala l-konsiderazzjoni tas-sullokazzjoni tal-fond lill-istess Socjeta’ Engros Ltd;

Illi inoltre ghalhekk ma jezistux l-elementi kollha necessarji tas-sullokazzjoni ghax il-fatt accettat li s-Socjeta’ Engros kienet qed taqta’ mill-ispejjez taghha l-ammont ta’ Lm80 ma jfissirx li kienet qeghdha tippretendi xi drittijiet specifici. Minn fejn ikunu gejjin il-flus mhux importanti. Allura jekk inkwilin partikolari jinghata flus minn haddiehor biex ikun jista’ jhallas il-kera ghall-fond tieghu, nistghu nghidu li hemmhekk hemm sullokazzjoni. L-importanti hu li s-sid baqa’ jithallas l-ammont ta’ Lm80.00 dovut lilu mill-konjugi Rapinett u kien qed johrog ricevuta fuqhom;

Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li Giovanna Rapinett (intimata) illum appellanta, (paragrafu 12) "taf l-affarijiet taghha .. l-intimata taf li s-socjeta' ghandha personalita` taghha .. ix-xhieda taghha hija tahwida shiha bil-hsieb li tghatti dak li gara". L-appellanti ma jistghux jifhmu din il-pozizzjoni tal-Bord fil-konfront taghhom meta huma kellhom dritt li jaghzlu li ma jezentawx lill-awditur mis-sigriet professjonali a bazi tal-Att XXIV tal-1994, u minflok ghazlu li jifirxu l-karti kollha fuq il-mejda ghaliex kienu konvinti li ma ghamlu xejn hazin. Fil-fatt mix-xhieda ta' l-awditur irrizulta li l-ammont tal-kera dovut mill-konjugi Rapinett kien qed jinqata' mill-ispejjez tal-kumpanija Engros Limited. Din l-informazzjoni zgur qatt ma kienet tirrizulta lill-Bord tal-Kera li kieku ma giex hemm ezentat l-awditur u seta' juri d-detailed accounts (li mhumiex pubblici) tal-kumpanija. Stranament dan il-fatt zgur li mhux "tahwida shiha bil-hsieb li tghatti dak li gara";

Illi subordinatament jekk wiehed kellu jaqbel mal-Bord li kien hemm fil-fatt sullokazzjoni dan zgur ma jistax jinjora l-fatt kif ghamel il-Bord fis-sentenza tieghu li kien hemm accettazzjoni tal-kera u ghalhekk tas-sitwazzjoni ghal sentejn shah wara li twaqqfet is-socjeta' Engros Limited. Minflok il-Bord jghid (f'paragrafu 13) li "hbew dak li ghamlu mis-sid imbaghad allegaw li s-sid kien jaf b'kollox". Ghal darba ohra l-Bord warrab dak li hu stabbilit u maghruf jigifieri li l-ezistenza u l-informazzjoni dwar it-twaqqif ta' kull kumpanija hija informazzjoni pubblika u r-records dettaljati huma esebiti fl-ufficcju tal-MFSC biex min irid jista' jaqrahom u jsir jaf dwar liema kumpanija jrid, u jiddikjara li l-intimati "allegaw". Ma jistax jinghad li l-intimati allegaw xi haga meta dik il-haga hija <u>pubblika</u>. Daqs kemm per ezempju, hadd ma jkun qed jallega xi haga imma qed jghid fatt maghruf u accettat bhala veru jekk jghid li l-Qrati ta' Malta jinsabu bil-Belt Valletta. Inoltre kif jista' jinghad li l-intimati hbew kollox mis-sid meta s-socjeta` in kwistjoni inghatat l-isem partikolari tal-hanut in kwistjoni cioe "Engros". Li kieku kien hemm interess li jahbu mis-sid zgur ma kienux se jpoggu lil din is-socjeta` f'dar tal-hgieg. Imma kienu jaghtuha isem iehor li bl-ebda mod ma kien iqajjem suspett jew interess

lil hadd,u allura ma tkunx tista’ ssir konnessjoni mal-hanut in kwistjoni;

Ghallhekk l-intimata appellanti talbu li din il-Qorti ta’ l-Appell joghgobha tirrevoka, tannulla, timmodifika jew tbiddel is-sentenza moghtija mill-istess Bord; inoltre li jigi dikjarat li l-intimati ma ssullokawx ma cedewx u anqas assenjaw il-kera in kwistjoni u f’kaz li l-istess Qorti jidhrilha li tali sullokazzjoni, assenjazzjoni jew cessjoni effettivament sehhet tiddikjara li s-sid in kwistjoni kien jaf b’dak kollu li sehh u meta accetta l-kera ghal kwazi sentejn shah wara li giet iffurmata s-socjeta` Engros, accetta s-sitwazzjoni b’tali sullokazzjoni, cessjoni jew assenjazzjoni;

Rat ir-risposta tar-rikorenti appellati fejn gie sottomess :-

1. Illi mill-provi prodotti jirrizulta b’mod car illi l-intimati Pawlu u Giovanna konjugi Rapinett issullokaw il-hanut in kwistjoni lil terzi persuna minghajr il-kunsens u ad insaputa tas-sidien;

2. Ghalhekk is-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-20 ta’ Gunju 2001 hi gusta u ghandha tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Pawlu u Giovanna konjugi Rapinett;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-appell da parti tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2002;

Ikkonsidrat:

Bl-imsemmija sentenza tieghu l-Bord li Jirregola l-Kera wasal ghal konkluzjoni li l-intimati appellanti ssullokaw il-hanut in kwestjoni li jinsab iz-Zejtun u ghalhekk l-istess Bord laqa' t-talba tar-rikorrenti u awtorizzahom jirriprendu pussess tal-istess hanut u ghall-fini ta' l-izgumbrament jiprefigga t-terminu ta' tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza u ordna li l-ispejjez jithallsu mill-intimati;

L-intimati appellanti interponew dan l-appell mill-imsemmija sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera u l-aggravju taghhom jikkonsisti principalment li l-Bord ghamel analizi zbaljata u approsimattiva u assuntiva tal-fatti tal-kaz u din l-analizi zbaljata wasslet ghal 'ratio' difettuz u mpreciz;

Hu ormai pacifiku li Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi u ta' fatt li tkun ghamlet l-ewwel qorti. Tali apprezzament isir mill-gdid biss jekk jirrizultaw ragunijiet validi u gravi. Fil-kaz in esami ma jirrizultawx tali raguinijiet;

Din il-kawza hi dwar il-kirja ta hanut li jinsab fiz-Zejtun u liema hanut jgib l-isem ta' "Engros". Ir-rikorrenti huma s-sidien filwaqt li l-intimati huma l-inkwilini. Il-krija hi regolata bi skrittura fejn il-partijiet, fost affarijiet ohra, ftehemu li l-kerrej ma jkunx jista' jissulloka jew icedi il-kirja tal-hanut jew parti minn tal-hanut, lil haddiehor minghajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tas-sid. Il-Bord li Jirregola l-Kera kkonkluda li kien hemm sullokazzjoni da parti tal-inkwilini intimati lis-socjeta Engros Limited. Fost affarijiet ohra l-imsemmi Bord ikkonsidra li l-indirizz registrat tal-imsemmija socjeta kien fl-indirizz tal-fond in kwestjoni u dan inbidel wara li l-intimati gew notifikati bir-rikors presenti;

In effett ma saret ebda assunzjoni gratwita da parti tal-Bord li Jirregola l-Kera meta ntqal li s-socjeta` Engros Limited kienet thallas kera lill-intimati u dana f'rata oghla minn dik li l-istess intimati kienu jhallsu lir-rikorrenti. Difatti

jirrizulta, mill-kotba tan-negozju u mir-rapporti li gew prodotti, li l-imsemmija socjeta kienet qed thallas ammont akbar minn l-ammont tal-kera li kienet dovuta lir-rikorrenti. Ma saret ebda prova da parti tal-intimati li l-kera li hemm indikata fil-kotba taghha li kienet qed tithallas mill-imsemmija socjeta ma kinitx tirrigwarda biss il-hanut in kwestjoni. Ma hemmx dubju li, semmai, tali prova kella ssir mill-intimati. Ghalhekk sewwa kkonkluda l-Bord li kien hemm sullokazzjoni;

Il-Bord analizza ukoll id-deposizzjoni tal-intimata Giovanna Rapinett u wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu a bazi ta' dak li qalet l-istess xhud, a bazi tal-komporatment taghha, kif ukoll a bazi tar-risultanzi. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li jitbiddlu dawn il-konkluzjonijiet. Il-fatt li l-intimati helsu xhud mis-sigriet professjonali tieghu ma jbiddel xejn f'dan ir-rigward;

Lanqas ma tirrizulta ebda accettazzjoni jew akkwiexxenza minn naha tar-rikorrenti ghar-rigwward tal-istat ta' fatt prevalenti. Bl-ebda mod ma rrizulta li r-rikorrenti kienu jafu li kienet giet registrata s-socjeta kummercjali in kwestjoni. Il-fatt li l-informazzjoni dwar it-twaqqif ta' kumpaniji hija informazzjoni pubblika ma jfissirx li r-rikorrenti kienu jafu bit-twaqqif u registrazzjoni tal-imsemmija socjeta'. Lanqas ma gie pruvat li r-rikorrenti kienu jafu li din is-socjeta kienet qed tmexxi n-negozju gestit fil-hanut in kwestjoni. Ma hemm ebda obbligu fuq is-sid ta' hanut li jghamel verifiki mal-awtorita' kompetenti sabiex jara jekk gietx irregistrata xi kumpanija li tista tkun b'xi mod konnessa mal-fond tieghu mikri lill terzi. Il-pubblicita tal-informazzjoni dwar socjetajiet qieghda hemm ghar-ragunijiet ohra ben diversi. L-isem li nghata lis-socjeta ma jbiddel xejn minn dan kollu;

In vista ta’ dan kollu t-talbiet kollha tal-intimati appellanti ghandhom jigu michuda u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrespingi t-talbiet kollha tal-intimati appellanti u b’hekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata in toto b’dan illi t-terminu ta’ tlett xhur iffissat ghal finijiet tal-izgumbrament ghandu jibda jiddekorri millum;

Spejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------